Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 268 :: SETTEMBRU, 2018

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm **il-Ħadd, 23 ta' Settembru** fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu. Ġibu lill-ħbiebkom u tal-familja.

***AĦSBU MINN ISSA!***

## HEALTH AND SOCIETY — *By Prof. Maurice N. Cauchi*




Health and Society: Personal and Social Determinants of Health, with special reference to the Maltese Islands. By Maurice N. Cauchi, Malta University Press, 2018

This book by Professor Maurice Cauchi deals with issues of modern society and their impact on health.

Issues discussed in this book include:

- the effect of modern life on our health - affluence and disease;
- genetic issues affecting our life;
- the digital age and its effect on individuals and society as a whole;
- the personal and social responsibility for prevention of disease;
- etc.

This book is available from leading booksellers in Malta, RRP 25 euro

## Il-laqgħa t'Awwissu

Il-laqgħa t'Awwissu inżammet nhar il-Ġimgħa, 31 tax-xahar fil-librerija taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Għaxar membri kienu preżenti: Dr Victor Sammut, Ray u Marie Louise Anastasi, Rosemary u Charles Attard, Paul u Salvina Vella, George Portelli, Michael Xuereb u John Muscat.

Kellna apoloġiji minn Joe u Rose Lofaro; Manwel, Josephine u Bernadette Cassar; Joe u Frank Bonett; Joe Camilleri u Tony Spiteri.

Din is-sena ix-xitwa ħakmitna sewwa u għamel ħafna ksieħ. Barra minn hekk minħabba l-maltemp ħafna membri isibuha bi tqila biex jattendu speċjalment dawk li joqgħodu ftit 'il bogħod.

Sar ħafna qari kemm minn tal-membri stess kif ukoll xogħol ta' kittieba oħra.

Wara kien hemm kikkra te jew kafe` u kejks.

# Minn Newman sa Blair




Mill-pinna tas-Saċerdot u kittieb Għawdxi Geoffrey George Attard, għadha kemm ħarġet din il-pubblikazzjoni Minn Newman sa Blair li tiġbor fiha mas-sebgħin bijografija ta' persuni mir-Renju Unit li minn Anglikani saru Kattoliċi. Biex inkunu iktar eżatti naqbel mas-Sależjan Don Fabio Attard, meta jgħid li dan ix-xogħol li għandna quddiemna huwa proposta ta' laboratorju kbir li fih nistgħu niltaqgħu ma' tant persuni li b'għarfien sħiħ tal-ħajja tagħhom u b'intel-liġenza onesta ħadmu biex jaraw il-konsegwenzi ta' dak li fih emmnu, impenjaw ruħhom biex jisfruttaw dak il-potenzjal moħbi fil-qalb u fil-moħħ tagħhom, dejjem b'mod awtentiku u koer-enti. Dawn ir-rakkonti ta' konverżjonijiet ikun sewwa li naqrawhom mhux fid-dawl tal-'bidla' li seħħet imma fid-dawl tal-'mixja' li fiha hemm tfittxija dejjem għaddejja. Il-konverżjoni ta' dawn ħutna m'hijiex ċaħda ta' dak li kienu, imma tisħiħ ta' dak li dejjem fittxew li jkunu.

Bosta kienu dawk il-persuni li matul is-snin - wara riflessjoni profonda u mumenti ta' talb u meditazzjoni - ħadu d-deċiżjoni irrevokabbli li jħaddnu l-fidi Kattolika. Dawn il-persuni, fos-thom John Henry Newman, li wara sar ukoll Kardinal u Beatu; Tony Blair, darba Prim Ministru tal-Ingilterra; Gilbert Keith Chesterton, kittieb magħruf Ingliż; Henry Graham Greene, kittieb ieħor magħruf; Alec Guinness, attur magħruf tal-films; u Malcom Muggeridge, kittieb. Dawn li naf bihom jien, ilkoll ħaddnu l-fidi kattolika wara li kienu twieldu u trabbew fil-Komunjoni Anglikana. Il-Komunjoni Anglikana hija fenomenu partikulari; hija Knisja li tinsab nofs triq bejn il-Knisja Kattolika u l-Knejjes Protestanti. Il-Komunjoni Anglikana mhijiex Knisja purament Protestanta. Għall-kuntrarju tal-knejjes jew denominaz-zjonijiet Protestanti l-oħra kollha, il-Komunjoni Anglikana ma nfirditx minn Ruma għal raġunijiet ta' teoloġija bħalma seħħ fil-każ tal-Kalviniżmu. Il-Komunjoni Anglikana kienet l-invenzjoni tar-Rè Neriku V111 tal-Ingilterra; dan wara li talab lill-Papa Klement V11 biex jagħtih id-divorzju mill-ewwel mara tiegħu, Katarina ta' Aragona. Meta r-Rè ntebaħ li l-Papa ma kienx se jagħtih li jrid, huwa ddeċieda li jaqta' lill-Knisja Kattolika fl-Ingilterra mill-ħakma tal-Papa u ta' Ruma. Hekk twieldet il-Komunjoni Anglikana; b'hekk beda l-proċess biex il-Knisja Kattolika fl-Ingilterra ssir il-'Knisja tal-Ingilterra'. Fil-fatt l-isem uffiċċjali tagħha huwa 'The Church of England'.

Il-ktieb fih żewġ taqsimiet. Fl-ewwel taqsima wieħed isib bijografiji ta' Anglikani li għexu fl-era Vittorjana (1819 – 1901) jew qabel il-bidu tagħha; ir-Reġina Victoria kienet fuq it-tron mill-1837 sal-1901, u tat isimha lil din l-epoka. It-tieni taqsima tit-tratta dawk l-Anglikani li joqorbu aktar lejn żmienna li mietu ftit taż-żmien ilu jew li għadhom magħna sal-lum. L-iskop uniku ta' dan il-ktieb huwa wieħed storiku aktar milli apoloġetiku, jiġifieri damma fil-qosor tal-ġrajjiet ta' xi wħud mill-aktar Anglikani magħrufa li minn jeddhom u mingħajr sforz ħaddnu l-fidi kattolika li ġejja għandna minn żmien l-Appostli u f'għaq-da ma' Pietru u s-suċċessuri leġittimi tiegħu.

Minn Newman sa Blair għandu kelmtejn ta' Preżentazzjoni mir-Rev. Dr Fabio Attard sdb, awtorità fuq il-kitbiet tal-Beatu Kardinal John Henry Newman u disinn tal-qoxra ta' Stefan Attard. Francesco Pio Attard ħa ħsieb il-qari tal-provi waqt li Anthony Grech, għalliem fis-Seminarju ħa ħsieb l-issettjar tal-ktieb li jagħlaq bil-Biblijografija u Appendiċi interessanti ħafna. Stampat l-Italja għand Pixart Printing SpA.

Kif itenni l-awtur fil-kelmtejn li għamel għad-Daħla tal-ktieb tiegħu, illustrat ukoll b'għadd ta' ritratti tal-protagonisti, huwa ttamat li din il-pubblikazzjoni tiswa mhux biss biex insiru nafu iktar mill-qrib lil dawn il-persuni li saru Kattoliċi, imma wkoll biex nintebħu kemm hija qawwija l-vuċi tal-verità kif imxandra u mxerrda permezz tal-kitba u tal-eżempju. Kif kienu jgħidu l-antiki Rumani 'veritas nihi veletur nisi abscondi'l – il-verità ma tistax tinħeba għal dejjem!

'Minn Newman sa Blair' jinbiegħ €15 u jista' jinkiseb mingħand il-Bookshop ta' Vajringa Str., Victoria inkella billi ċċempel 79551325.

***Kav. Joe M Attard*** — emarjos@hotmail.com

## *Emails li nirċievu...*

Għażiż Paul, Nittama li tinsabu tajbin. Grazzi mill-qalb talli ppubblikajtli l-poeżiji tiegħi dwar in-nanna tiegħi u l-Isqof Awżiljarju Joseph Galea Curmi fil-folju letterarju t'Awwissu. Prosit ħafna tat-tagħrif verament sabiħ li tagħmel fil-folju kull xahar. Inkun ħerqana nistennieh biex naqrah daqskemm jogħġobni.

Inselli ħafna għalikom u nawguralkom li tissoktaw bil-ħidma siewja tagħkom b'risq il-Malti.

***Charmaine Tanti mill-Mosta***

Għażiż Paul, Irċevejt il-kopja PDF tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria għax-xahar t'Awwissu. Kollox laqatni fih, imma partikolarment l-artiklu dwar Patri Mattew Sultana, Franġiskan Kapuċċin u poeta mill-aqwa. Grazzi Paul. B'imħabba:

***Mario Griscti***

Grazzi ħafna, Paul. Naprezza l-impenn tagħkom b'risq il-let-teratura Maltija. Il-Folju tagħkom tassew ta' min jaqrah.

Tislijiet,

***Prof. Rena Balzan***

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lill-P.R.O., Paul Vella fuq 9460-4404. Nixtiequk tkun magħna.**

# Jum il-Vitorja

Nhar it-tmienja ta' Settembru
Aħna nfakkru żewġ ġrajjiet.
Dil-ġurnata ferm speċjali.
Qatt mill-Maltin ma ntesiet.

L-ewwel ġrajja seħħet meta
Issilitna għat-twemmin.
Lill-Ewropa aħna ħlisna
Mill-ħakma tal-Misilmin.

L-assedju kien wieħed kiefer
Għaliex l-għadu kien qalil.
Malta rat bosta ħruxija.
Matulu sar ħafna qtil.

U mbagħad sebaħ jum ir-rebħa
Wara li għaddew ftit xhur.
Baqa' magħruf għall-vittorja.
Fih il-Maltin ferħu żgur.

Wara dan l-assedju mdemmi
Għadda mbagħad bil-bosta ż-żmien
Sa ma beda t-tieni wieħed
Illi qered kullimkien.

Il-balal niżlu fuq Malta,
U msieken kienu l-Maltin
Imwerwrin bil-ġuħ u l-biża'.
Fix-xelters mistoħbijin.

Imbagħad fil-jum tal-Vitorja
It-Taljani fis ċedew.
U l-assedju ġie fi tmiemu.
Daqshekk il-Maltin batew.

F'dil-ġurnata nazzjonali
Isiru festi tant kbar
Fix-Xagħra u fil-Mellieħa,
Fl-Isla u wkoll fin-Naxxar.

Issir ukoll ir-regatta
Eżatt bħal f'Jum il-Ħelsien.
Fit-tellieqa kulħadd jaqdef
Tant illi jispiċċ' għajjien.

Kien bis-saħħa tal-Bambina.
Hi ħarġitna rebbiħin
Għaliex ħelset mill-għedewwa
Lill-Maltin u lill-Għawdxin.

Dal-jum jibqa' fil-memorja
Tal-ġens tagħna tul iż-żmien.
Infakkruh nibqgħu b'tant għożża
Għax sa minn dejjem hekk kien.

***Charmaine Tanti, Mosta***



| Lista ta Ħxejjex Aromatiċi u Ħwawar | |
|---|---|
| Dilettanti tal-Agrikoltura Sigar u Pjanti | |
| Ingliż | Malti |
| Anise | Ħlewwa |
| Aniseed | Kemmun Ħelu |
| Barley | Xgħir |
| Bay Leaves | Weraq tar-Rand |
| Borage | Fidloqqom |
| Cardamom | Kardamomu |
| Celery | Karfuq |
| Chayote/Chake | Ċentinarja |
| Chickpeas | Ċiċri |
| Chillies | Felfel/Bżar aħmar jaħraq |
| Chives | Kurrat Selvaġġ |
| Cinnamon | Kannella |
| Cloves | Imsiemer (taċċi) tal-qronfol |
| Coriander (cilantro) | Kosbor |
| Cumin | Kemmun |
| Dill | Xibt |
| Fennel | Busbies |
| Horse Radish | Ravanell jew għerq tal-mustarda |
| Juniper Berries | Żerriegħa tal-Ġinibru |
| Kale/Silver Beet | Selq |
| Love-in-a-mist | Niġella jew sieq il-brimba |
| Marjoram | Merqdux |
| Millet | Minju |
| Mint | Nagħniegħ |
| Nutmeg | Noċimuskata |
| Oats | Ħafur jew Avena |
| Oregano | Riegnu (mhux rignu castor tree) |
| Parsley | Tursin |
| Polenta | Dqiq tal-qamħirrun |
| Poppy Seeds | Żerriegħa tal-pepprin |
| Rocket | Eruka |
| Rosemary | Klin |
| Rue | Segala |
| Sage | Salvja |
| Seasame | Ġulġlien |
| Star Anise | Ħlewwa stellata |
| Sweet Basil | Ħabaq |
| Tamarind | Tama ta' l-Indja |
| Terragon | Stragun |
| Thyme/Wild thyme | Timu/Sagħtar |
| Turmeric | Żafran ta' l-Indja |
| Wheat | Qamħ |

# LAQGĦA U NTERVISTA MA' ADRIAN MUSCAT



Dan l-aħħar kelli laqgħa mas-Sur Adrian Muscat li kien fuq btala f'Melbourne minn Malta. Waqt iż-żjara tiegħu huwa kien qed jagħmel intervisti ma' persuni fil-komunita` Maltija, speċjalment fuq l-Ilsien Malti u affarijiet li għandho x'jaqsmu fejn tidħol il-lingwa Maltija. Huwa kien qed jagħmel dan bħala parti minn studju li qed jagħmel għall-Masters. Adrian huwa għalliem fi skola fin-Naxxar. Fil-laqgħa li kelli miegħu jien ħadt l-opportunita` biex nintervistah għall-programm tiegħi fuq 3ZZZ. ***Fir-ritratt jien, Paul Vella, flimkien ma' Adrian Muscat.***

# FESTA TA' MARIJA BAMBINA F'MELBOURNE

Nhar il-Ħamis, 6 ta' Settembru, Quddiesa fil-Kappella ta' San Pawl ħdejn iċ-Ċentru Malti ta' Parkvilla, fis-7 pm. Wara jkun hemm rinfreskanti fil-*foyer* taċ-Ċentru.

Imbagħad il-Ħadd, 9 ta' Settembru fil-Knisja ta' St Mary Star of the Sea, West Melbourne, 3 pm Rużarju, Quddiesa u Barka Sagramentali. Wara ssir il-Purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina akkumpanjata mill-Maltese Own Band. Għal aktar informazzjoni ċemplu lil Salvina Vella fuq 9460-4404 Mobile 0409 961 928